Verżjoni Elettronika

K.L.B.L 59/04/2021

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2021 dwar Stabbilimenti tal-Ikel fil-Beraħ
(Kunsill Lokali Tas-Sliema)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Tas-Sliema għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu l-*Bye-Laws* tal-2021 dwar Stabbilimenti tal-Ikel fil-Beraħ (Kunsill Lokali Tas-Sliema).

1.2. Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jidħlu fis-seħħ xahar (1) wara li jiġu ppublikati fil-Gazzetta.

Tifsir.

2.1. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"*ashtrays"* tfisser reċipjenti approvati għar-rimi ta' skart relatat mas-sigaretti li tinkludi iżda mhux limitati għal-loqom tas-sigaretti u mqiegħda f'post pubbliku;

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Tas-Sliema;

"spazju fil-beraħ" tfisser iż-żona barra l-istabbiliment tal-ikel inkluż il-bankina u l-imwejjed u s-siġġijiet ta' barra;

"stabbiliment tal-ikel" għandu jinkludi kull stabbiliment li jipprovdi kwalunkwe tip ta' ikel jew xorb lill-klijentela.

2.2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kull frażi li hija mfissra fl-Att għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att.

Tindif u żbarazzar.

3.1. Kull stabbiliment tal-ikel għandu jkun responsabbli għat-tindif u l-iżbarazzar ta' kull skart depożitat fil-beraħ, tal-istabbilimenti tagħhom mill-klijenti tagħhom jew mill-istabbiliment stess.

3.2. Kull stabbiliment tal-ikel li jagħti servizz lill-klijenti fi spazju fil-beraħ, għandu jpoġġi numru adattat ta' *ashtrays* fiż-żona barra tagħhom u għandu jkun responsabbli għat-tindif u l-iżbarazzar tal-*ashtrays* kif ukoll għar-rimi xieraq tal-iskart imqiegħed fl-*ashtrays*.

Verżjoni Elettronika

3.3. Kull stabbiliment tal-ikel għandu jassigura li fl-ebda ħin l-*ashtrays* ma għandhom ikunu imfawrin jew f'riskju li jfuru.

Penali.

4. Jekk l-istabbiliment tal-ikel huwa kkunsidrat li qiegħed jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, huwa għandu jitqies li wettaq ksur u meta jinstab ħati għandu jeħel multa (ammenda) ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50), u f'każ ta' reat kontinwu multa (ammenda) oħra ta' mhux inqas minn għaxar euro (€10) għal kull jum li matulu jkompli r-reat wara li jkun instab ħati.